# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 3 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Reuben Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Reuben Sciberras ta' 25 sena mwieled fil-21 ta' Ottubru 1982 Pieta' bin Spiridione u Mary Ann nee' Scerri u residenti f'Hampton Court, Block B, Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 635582M;

Akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Lulju 2008 f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn il-hdax ta' filghaxija u t-tlieta ta' filghodu volontarjament ghamel hsarat li jammontaw ghall-aktar minn 116.50 euros u anqas minn 2330 Euros fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MZD 222 ghad-dannu ta' terzi persuni.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Amanda Friggieri skond ma ccertifika Dr Stefan Fenech MD

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi huwa qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2017, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li l-*parte civile* Amanda Friggieri kienet siefret u li fl-10 ta' Novembru 2017 kienet kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn infurmatu li ma rieditx ikollha x'taqsam izjed ma' dan il-kaz, u li xtaqet tahfer lill-imputat ghad-danni li sofriet u li l-proceduri fil-qorti jieqfu.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat u l-*parte civile* Amanda Friggieri kienu ilhom sentejn johorgu flimkien, ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejniethom ma tantx kienet sejra tajba fl-ahhar gimghat qabel l-incident.
2. Dak in-nhar tal-incident inqalghet tilwima bejniethom fuq €20.00 li Friggieri tghid li kienet tat lill-imputat biex izommha sakemm jaslu f'petrol station biex taghti l-petrol lil vettura li kienet qed issuq, filwaqt li l-imputat jghid li ma taghtux flus. It-tilwima skalat b'mod sproporzjonat.
3. Il-verzjonijiet taz-zewg partijiet huma diametrikament opposti, izda konsegwenza ta' din it-tilwima, il-vettura sofriet hsara fil-bieba tal-passiggier, u kemm l-imputat kif ukoll il-*parte civile* spiccaw b'feriti ta' natura hafifa fuq wicchom, u l-*parte civile*

kellha wkoll feriti hfief fuq partijiet ohra ta' gisimha. Peress li l-feriti tal-parte civile kienu fuq diversi partijiet ta' wiccha, it-tobba kklassifikawhom bhala ta' natura gravi.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

***Konsiderazzjonijiet Preliminari***

Qabel din il-Qorti tista' tghaddi biex tikkonsidra dawn il-proceduri fil-meritu, hija trid bil-fors tiddeciedi zewg kwistjonijiet preliminari, li huma s-segwenti:

1. L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li hi m'ghandiex iktar interess f'dawn il-proceduri;
2. L-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat f'dawn il-proceduri;

Din il-Qorti se tikkonsidra dawn il-kwistjonijiet wahda wahda.

*L-effett fuq dawn il-proceduri li ghandha d-dikjarazzjoni tal-parte civile li hi m'ghandix iktar interess f'dawn il-proceduri*

Ghalkemm il-*parte civile* iddikjarat li m'ghandiex aktar interess f'dawn il-proceduri, l-imputazzjonijiet kollha huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u ghalhekk din il-Qorti xorta trid tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet, li stante li llum il-gurnata l-feriti li l-parte civile kellha fuq wiccha ma ghadhomx iktar visibli, allura l-ferita gravi saret issa ferita hafifa, u allura tehtieg il-kwerela tal-parti offiza sabiex jistghu jitkomplew il-proceduri odjerni (ara Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, kif kien vigenti fiz-zmien l-akkadut).

Pero din mhix il-posizzjoni legali. Kemm mic-certifikat ezebit minn Dottor Stefan Fenech, kif ukoll mix-xhieda tieghu fil-proceduri odjerni, jirrizulta li l-parte civile soffriet *inter alia "right temporal area bruising and swelling, tender left right of face on the temporomandibular joint. Lacerated wound 1.5cm from left side of the mouth from ucosal area ... ... scratchmarks over the upper left breast area and abrasions over the left forearm and left elbow. Left maxilla bruising and superficial abrasion about 4cm diameter with signs of infection on knee."*

Issa t-tieni imputazzjoni kontra l-imputat hija li hu ikkaguna lill-parte civile griehi ta' natura gravi. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jikkontempla *inter alia* l-kaz fejn il-ferita *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[1] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V., __Trattato di Diritto Penale Italiano__, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-__regolarita'__ tal-wicc, fl-__armonija__ tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-__sbuhija__ tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (__**Il-Pulizija v. Emily Zarb**__, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[2] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi __**u**__ permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara __l-effetti__ li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu*

[1] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

[2] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[3] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, huwa car, li ghalkemm fid-data li fiha ghamlet id-dikjarazzjoni taghha – disa' (9) snin wara l-incident de quo – il-parte civile iddikjarat li hi trid tahfer lill-imputat, u mir-ritratti taghha li baghtet fl-istess sena, jirrizulta li m'hemm l-ebda sfregu jew marki fuq wiccha, ma hemmx dubbju li l-parte civile soffriet sfregju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) li bih l-imputat hu akkuzat, stante li mill-provi jirrizulta li kellha diversi feriti vizibbli fuq wiccha, li mir-ritratti ezebiti, li ttiehdu immedjatament wara l-incident, m'hemmx dubbju li kienu vizibbli ghal xi granet minn distanza li soltu jkun hemm bejn in-nies biex jitkellmu. Konsegwentement, il-parte civile, ghall-inqas ghal ftit granet, sakemm il-feriti ma fiequx, kellha sfregu f'wiccha, ghalkemm mir-ritratti li gew ezibiti fl-2017 jirrizulta li dawn il-feriti ma hallew l-ebda marka fuq wiccha.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, u minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni jekk l-imputat hux hati jew le tat-tieni imputazzjoni, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-feriti li sofriet il-parte civile jammonta ghal sfregju li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Civili, u jikkwalifikaw bhala ferita gravi. Ghaldaqstant, minkejja d-dikjarazzjoni tal-parte civile, din l-ewwel imputazzjoni hija prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*.

Fix-xhieda taghha, l-*parte civile* qalet ukoll li l-imputat kien hallas l-ispejjez kollha kemm id-danni kagunati lill-vettura, kif ukoll l-ispejjez medici. Dan gie ikkonfermat ukoll mill-imputat fix-xhieda tieghu. Pero l-ammont ta' danni volontarji kagunati fuq il-vettura, huwa wkoll prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio.*

Konsegwentement, minkejja d-dikjarazzjoni tal-parte civile, din il-Qorti se jkollha tikkonsidra jekk l-imputat hux hati jew le tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

---

[3] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.

*L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat f'dawn il-Proceduri*

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2018, gie verbalizzat hekk: *"Dr Michael Sciriha ghall-imputat jiddikjara li l-imputat irid li l-istqarrija tieghu tigi skartata minn din il-qorti in linea mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet "Mario Borg vs Malta" deciza fit-12 ta' Jannar 2016."*

Ghaldaqstant, il-Qorti se tiskarta l-istqarrija tal-imputat mill-konsiderazzjoniijiet taghha fil-meritu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu. Kif diga inghad, il-*parte civile* u l-imputat taw versjonijiet kontrastanti, u l-Qorti se tirriproducihom fil-qosor.

Mhux kontestat li l-partijiet kienu gejjin lura minn riceviment ta' tieg li kellhom f'hotel, il-bajja tar-Ramla. L-imputat kien riekeb fil-vettura tal-*parte civile.* Il-parte civile tghid li qabel bdiet issuq tat €20 lill-imputat biex izommha f'idejh biex taghti l-petrol malajr lill-vettura, ghax kienet vojta. X'hin waslu f'petrol station San Pawl il-Bahar talbitu l-flus, izda l-imputat qalilha li ma kinietx taghtu flus. Bdew ifittxu din l-€20, pero nel fratemp bdew jillitikaw. Il-parte civile tghid li hin minnhom l-imputat tilef rasu u ta daqqa fuq il-karozza fejn in-naha tal-mera tal-passiggier. Hi rrabjat u qaltlu biex johrog mill-karozza u ma riditx tarah iktar b'ghajnejha. L-imputat ha l-affarijiet personali tieghu u hareg u sabbat bis-sahha il-bieba tal-karozza. Beda miexi biex imur lejn id-dar tieghu (ghax hu kien joqghod San Pawl il-Bahar), izda mbaghad dar lura u beda jaghti bis-sieq fuq il-bieba tal-passiggier. Hi baqghet skantata ghax lill-imputat tafu bhala guvni kwiet, edukat u rispettabbli. Hi saqet ghal warajh, u waqfet f'genb, u marret tilletika mieghu talli ghamlilha l-hsara fil-karozza u qaltlu li jrid jikkumpensha. Hi tghid li dak il-hin, l-imputat beda jaghtiha fuq wiccha, imbuttaha, waqghet u habtet rasha ma' balavostri ta' *front garden,* u halliha mal-art.

Min-naha tieghu, l-imputat xehed li mhux vera l-parte civile kienet taghtu xi flus qabel bdiet issuq, pero xorta fittixha fil-vettura, ghax peress li kienu sejrin tieg ma kienx gab flus mieghu.

Hi qabdet tghajjru u tirrabja mieghu b'vuci gholja, ghalkemm kien hemm in-nies fil-petrol station. Hu sab €5 fil-vettura, u hi, bl-fixkla hasbitha €20 u marret tipprova iddahhalha fil-magna biex tiehu l-petrol, imma dak iz-zmien il-magni ma kienux ghadhom jaccettaw €5. Ghalhekk hi giet lura irrabjata u kompliet tghajjat mieghu. L-imputat jammetti li rrabja ghax hass li ma kienx haqqu taghmillu hekk, u hareg mill-karozza u sabbat xi ftit il-bieba, u beda miexi lejn id-dar ghax ma felahiex izjed titrattah hekk. Il-parte civile startjat il-karozza, irrejzjata u saqet ghad-direzzjoni tieghu, u ghalqitlu t-triq. L-imputat jghid li tant bezzghatu x'hin ra ssuq ghal fuqu, ixxuttja l-bieba tal-karozza. Hu kompla miexi, pero l-parte civile regghet saqet warajh, u pparkjat il-karozza ftit qablu fejn kien hemm garaxx. Nizlet mill-karozza u bdiet ittih fuq dahru, u bdiet tigbidlu xahru, u hu qabdilha idejha biex taqlaghha minn ma xaghru u imbuttaha lura. Malli ghamel hekk, hi waqghet mal-art – jista' jkun ukoll ghax tilfet il-bilanc ghax kienu qieghdin f'rampa ta' garaxx. L-imputat jinnega li hu sawwat lil parte civile.

Din il-Qorti, wara li anke rat akkuratament ir-ritratti tal-griehi li soffriet il-parte civile, u li l-imputat gie certifikat minn Dottor Ivan Micallef li kellu hmurija in-naha tal-lemin ta' wiccu, hija tal-fehma li l-verzjoni tal-imputat hija iktar kredibbli. Il-griehi li sofriet l-parte civile fuq wiccha m'humiex kompatibbli ma' swat izda ma grif u tbengil f'lotta, kif ukoll ma' feriti kompatibbli wara zelqa. Dr. Ivan Micallef xehed li l-hmura li kellu fuq wiccu l-imputat hija kompatibbli ma' daqqiet. Mhux verosimili li l-parte civile tghid li hi kienet mahsuda meta l-imputat – b'mod ghal kollox insolitu ghall-karattru tieghu – beda jaghti bis-sieq fuq il-vettura, u minflok bezghet minnu, saqet warajh u waqfitu biex tkompli tilletika mieghu. Fi kwalunkwe kaz, huwa ovvju, li jekk l-imputat, li *ex admissis* tafu bhala tifel kwiet u edukat, tilef *is-self control* tieghu, dan kien kagun ta' xi forma ta' provokazzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti hija iktar propensa li temmen il-versjoni tal-imputat li l-parte civile saqet ghal warajh, waqfet quddiemu u aggredietu u hu iddefenda ruhu. Dottor Stefan Fenech jeskludi li l-feriti li sofriet il-parte civile kienu kompatibbli biss ma zelqa, ghax hija kella feriti fuq iz-zewg nahat ta' wiccha, u meta bniedem jaqa' mal-art jista' jahbat biss naha wahda tal-wicc. Pero huwa ma eskludiex li l-feriti kienu setghu kienu dovuti kemm ghal zelqa kif ukoll ghal imbuttar jew grif.

Il-feriti li soffriet il-parte civile kienu kollha ta' natura hafifa, u ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li dawn kienu dovuti parti ghal grif li sar fil-lotta biex l-imputat inehhilha idejha

minn ma xagharu, u parti bil-waqgha li waqghet. L-imputat kien qed jagixxi biex jiddefendi lilu nnifsu. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[4] fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi: *"Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Ladarba kienet il-parte civile li l-ewwel aggrediet lill-imputat fizikament, l-imputat kien gustifikat li jagixxi b'dak il-mod in legittima difiza ghalih innifsu, u konsegwentement, din il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati ta' offiza gravi volontarja fil-konfront tal-parte civile.

Pero, mill-provi u mix-xhieda tieghu stess, jirrizulta li l-imputat ikkaguna danni volontarji fuq il-vettura, li skond l-istima tas-Surveyor Natalino Agius, kif minnu konfermata bil-gurament,[5] tammonta ghal Eur 960.00. Pero, din il-Qorti taccetta is-sottomissjoni tad-difiza, li f'dan il-kaz gie ippruvat l-iskuzanti tal-provokazzjoni, stante, li kienet il-parte civile li bdiet glieda fuq kwistjoni *de minimis* u skalata billi irrejzjat il-vettura ghal fuq l-imputat. L-imputat b'reazzjoni imbaghad ixxuttja l-bieba tal-vettura.

Rigward it-tielet imputazzjoni u cioe li l-imputat qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha, ma gietx prodotta l-anqas prova wahda biex issostniha.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija netta, u li hu mill-ewwel hallas ghal hsara li ikkaguna fil-vettura, anke jekk din il-hsara kkagunaha kawza ta' provokazzjoni.

Il-parte civile stess fix-xhieda taghha iddeskriviet lill-imputat bhala persuna kwieta u edukata.

[4] Mill-Imhallef Vincent De Gaetano, Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294
[5] Ara fol. 35 tal-process.

Il-Qorti hija tal-opinjoni li minn dawn il-proceduri kriminali, l-imputat tghallem il-lezzjoni tieghu biex ma jigix traxxinat go litigi pwerili, li jistghu biss idahhluh f'hafna inkwiet bla bzonn, kif gara fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom;
2. Wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) u l-ewwel proviso ghall-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**